



## Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, it-3 ta' Marzu 2020

### L-Awdituri jwissu li l-ibliet tal-UE jridu jagħmlu bidla lejn modi tat-trasport aktar sostenibbli

Rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) jasal għall-konklużjoni li, sitt snin wara li l-Kummissjoni Ewropea appellat għal bidla fil-pass, ma hemm l-ebda indikazzjoni ċara li l-ibliet tal-UE qed jibdli fundamentalment l-approċċi tagħhom għall-ivvjaġġar tan-nies madwar l-ibliet u għall-bidla tat-traffiku urban favur modi tat-trasport li huma aktar sostenibbli u li jirrispettaw aktar l-ambjent. B'mod partikolari, ma kien hemm l-ebda tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-karozzi privati u, f'ħafna bliet, it-tniġġis tal-arja għadu jaqbeż il-livelli sikuri.

L-Unjoni Ewropea qed tinvesti ħafna flus biex tgħin lill-ibliet jagħmluha eħfef għan-nies biex jivvjaġġaw b'mod li jirrispetta aktar l-ambjent. Għall-perjodu 2014-2020, hija pprovdiet madwar EUR 16.5 biljun għall-mobbiltà urbana, prinċipalment għat-trasport nadif (metro u linji tat-tramm), iżda wkoll għal mogħdijiet għaċ-ċiklisti u sistemi ta' trasport intelliġenti.

*"Jista' jkun li titjib sostanzjali jkun jeħtieġ aktar żmien biex il-mobbiltà fl-ibliet tagħna ssir aktar sostenibbli, iżda dan it-titjib mhux possibbli li jsir mingħajr l-impenn tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati kollha fil-livell tal-UE, kif ukoll fil-livelli nazzjonali u tal-ibliet, jaħdmu flimkien biex jilħqu dan il-għan," qalet Iliana Ivanova, il-Membru tal-QEA responsabbli għar-rapport. "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, li huwa ġdid fjamant, jenfasizza kemm huwa importanti li ssir il-bidla fil-pass, li jmissha diġà saret, fl-ibliet tagħna."*

L-awdituri eżaminaw jekk l-appoġġ mogħti mill-UE għenx biex il-mobbiltà fiż-żoni urbani ssir aktar sostenibbli, u jekk l-ibliet kinux għamli progress minn meta l-Kummissjoni Ewropea introduċiet il-Pakkett tagħha dwar il-Mobbiltà Urbana fl-2013. Huma eżaminaw it-trasport pubbliku, it-tniġġis u l-konġestjoni fi tmien ċentri metropolitani f'erba' Stati Membri: Hamburg u Leipzig fil-Ġermanja, Napoli u Palermo fl-Italja, Łódź u Varsavja fil-Polonja, u Barcellona u Madrid fi Spanja.

L-awdituri jgħidu li netwerk tat-trasport pubbliku li jkun effiċjenti, li jintegra ż-żoni ta' madwar u li jinvolvi alternattivi differenti ta' trasport, huwa kruċjali biex iċ-ċittadini jiġu mħeġġa jagħmlu bidla minn karozzi privati għal mezzi aktar nodfa ta' vvjaġġar bħalma huma l-mixi, iċ-ċikliżmu, u t-trasport pubbliku.

Il-Kummissjoni ilha mill-2013 toħroġ gwida dwar l-indirizzar tal-isfidi tal-mobbiltà urbana u żiedet il-finanzjament mill-UE għall-proġetti. Permezz ta' dan, l-ibliet fl-Ewropa kollha setgħu jstabbilixxu firxa ta'

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

inizjattivi biex itejbu l-kwalità u l-kwantità tat-trasport pubbliku. Madankollu, l-awdituri josservaw li l-proġetti ffinanzjati mill-UE mhux dejjem kienu bbażati fuq strateġiji sodi ta' mobbiltà urbana u ma kinux effettivi daqs kemm kien intenzjonat. L-ibliet jiffaċċjaw sfidi f'dak li jirrigwarda l-għemil ta' użu effettiv u sostenibbli mill-appoġġ li jingħata mill-UE, għal żewġ raġunijiet prinċipali: l-għoti ta' finanzjament suffiċjenti minn tagħhom stess biex ikopru spejjeż operazzjonali u ta' manutenzjoni; u l-iżvilupp ta' politiki koerenti għall-parkeġġ, iż-żoni ħielsa mit-traffiku u ċ-ċikliżmu. L-awdituri sabu wkoll li l-proġetti ddedmu ta' spiss u li l-għadd ta' passiġġieri projettati ma ntlaħaqx.

Mill-2019 'il hawn, il-Kummissjoni bdiet tagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi lill-Istati Membri dwar il-mobbiltà urbana bħala parti mill-proċess tas-Semestru Ewropew. L-awdituri jenfasizzaw li jrid jingħata segwitu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet fir-rigward tal-mod kif il-finanzjament mill-UE u dak nazzjonali jintużaw. Huma jappellaw ukoll lill-Kummissjoni biex tirrikjedi li l-Istati Membri jipprovdu *data* aħjar dwar il-mobbiltà urbana fl-ibliet prinċipali tagħhom u li jirrapportaw b'mod regolari dwar il-progress li jkun sar. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-ibliet li ma għandhomx pjan robust ta' mobbiltà urbana sostenibbli ma jibqgħux jirċievu finanzjament mill-UE.

### Noti lill-Edituri

Il-konġestjoni tat-traffiku hija waħda mill-akbar sfidi għall-mobbiltà urbana, li tolqot lill-biċċa l-kbira mill-Ewropej u li tiswa madwar EUR 270 biljun kull sena. Jekk it-traffiku fiż-żoni urbani jkun mexxej, it-tkabbir ekonomiku tagħhom jista' jiġi xprunat u tingħata spinta lill-produttività tal-ħaddiema b'rata li tilħaq it-30 %. Żoni urbani konġestjonati jistgħu wkoll ifixklu l-effiċjenza tan-netwerk Ewropew usa' tat-trasport.

L-Istati Membri u l-ibliet jimmaniġġjaw il-mobbiltà urbana fil-livell lokali, u l-Kummissjoni Ewropea għandha biss rwol limitat. Madankollu, fl-2013 il-Kummissjoni ħeġġet bidla fil-pass biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-mobbiltà urbana, billi żiedet il-finanzjament disponibbli u billi ppromwoviet bidla favur trasport fl-ibliet li jkun aktar sostenibbli.

It-trasport bit-triq huwa kaġun kbir tat-tniġġis tal-arja urbana u tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. L-ibliet kollha li nżaru huma inklużi fil-proċeduri ta' ksur meħuda mill-UE; għajr Leipzig u Palermo, lejn tmien l-2019 dawn kienu għadhom qed jaqbżu l-livelli permessi ta' tniġġis.

Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2020 "Mobbiltà Urbana Sostenibbli fl-UE: Mhuwiex possibbli li jsir titjib sostanzjali mingħajr l-impenn tal-Istati Membri" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)) bi 23 lingwa tal-UE.

Qabel, il-QEA kienet ippubblikat [rapporti](#) relatati dwar l-effettività tal-proġetti għat-trasport urban.

### Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport

Damijan Fišer – E: [damijan.fiser@eca.europa.eu](mailto:damijan.fiser@eca.europa.eu) T: (+352) 4398 510 / M: (+352) 621 55 22 24